**Ħlewwet l-imħabba**

Biki, ilfiq u ħolm
Mħabba li ma seħħitx,
Qalb maqsuma w siekta
Li ż-żmien le ma berridtx.

U fejn jitlaq il-ħsieb
Hekk għani, vanituż?
Jagħmel kollox basta
Jinħabb u jsir gustuż?

Le le la tinkwetax
M'għandekx għax titħabat,
L-imħabba tasallek
Mintix ħa tiċċaħħad.

Iżra' biss valuri
Li jibqgħu hemm maż-żmien,
Bihom għandek l-hena
Li żgur ma' ssibha mkien.

Mela ħobb u aħfer
U agħmel biss il-ġid,
Sakemm tmur is-sema
Fejn qalbek tidħol trid.

U s-sliem niżel fuqek
Paċi fik titrabba,
Għożż bil-kbir li għandek
Fik hlewwet l-imħabba.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.